MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 386/2011

**Maria Concetta sive Mari Shires**

**Vs**

**Ghassan Kasseb**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-18 ta' April 2011 l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' sebgha u ghoxrin elf sitt mija u seba' u sitt ewro u wiehed u hamsin centezmu (€27,667.51), flus li tallega li silfet lill-konvenut in kwantu ghal €2,330 fis-16 ta' Jannar 2009 sabiex ihallas il-kont tal-Universita' tat-tifel, €3,000 fil-21 ta' Jannar 2009 biex ihallas xi kontijiet ohra, €500 fi flus kontanti, €2,597.61 sabiex jitnehha sekwestru, cheque ta' €17,000 sabiex

jimporta tissues u hallset €230.93 lil Carmelo Caruana Company Limited, €1,693 lill-Kontrollur tad-Dwana u €315.97 lil Freeport.

Il-konvenut wiegeb (fol. 14):

1. Mhux veru li l-flus inghataw b'self izda kienu kontribuzzjoni f'socjeta (partnership).
2. L-importazzjoni tat-tissues saret mill-kontendenti flimkien. Filwaqt li l-attrici harget sehemha fi flus, il-konvenut hareg is-sehem tieghu bil-hila, hin u mezz ta' trasport tieghu.
3. Il-flus intuzaw ghall-importazzjoni imma wkoll ghall-hlasijiet ohra li kienu necessarji li jsiru sabiex ikun jista' jezercita l-hin u mestjier tieghu f'din is-socjeta bejn l-istess kontendenti, billi jehles minn pizijiet li kellu naxxenti minn negozji ohra. F'dan ir-rigward l-attrici hi debitrici tal-konvenut fis-somma ta' €1,884.45, ghal liema somma ser iressaq rikonvenzjoni.
4. Bejn il-kontendenti saru diskussjonijiet ma' accountant professjonali u Manager tal-Bank rinomat f'Malta, bl-intiza li jigi zviluppat u arrikit in-negozju li l-kontendenti bhala socji kienu qed jidhlu ghalih.
5. M'huwiex veru li l-attrici tat lill-konvenut is-somma ta' €500 fi flus kontanti, u l-attrici dejjem cekkijiet tat lill-konvenut.

Il-konvenut ippropona wkoll rikonvenzjoni fejn talab li:-

1. Jigi ddikjarat li hu kreditur tal-attrici fis-somma ta' €1,884.45 hlas dovut in kwantu ghal €1,500 prezz ta' frame tal-irham, €104.85 prezz ta' oggetti li ttiehdu mill-hanut tal-konvenut sabiex l-attrici tatihom b'rigal u €279.60 prezz ta' hwejjeg mehuda mill-istess attrici minn hanut iehor tal-konvenut.
2. Tikundanna lill-attrici thallas is-somma ta' €1,884.45.

L-attrici wiegbet (fol. 21):-

1. Il-qorti m'ghandiex kompetenza ratione valoris.

2. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li hi ma xtrat xejn u ma hadet xejn minghand il-konvenut.
3. F'kull kaz il-pretensjonijiet huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148(a) u (b) tal-Kodici Civili.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu n-noti ta' sottomissjonijiet.

Il-kaz jitratta dwar flus li l-attrici tallega li sellfet lill-konvenut li min-naha tieghu jallega li nghataw lilu mhux bhala self izda peress li hu u l-attrici kienu shab f'negozju ta' importazzjoni u bejgh ta' tissues f'Malta.

Il-qorti tqies li l-verzjoni tal-attrici hi iktar kredibbli meta tikkunsidra li:-

i. Il-konvenut kien ried jiehu self mill-bank. L-attrici, li ghandha hanut tad-deheb f'Birkirkara, kienet introducietu ma' Emanuel Dalli (ufficjal tal-Bank of Valletta). F'seduta tat-3 ta' Novembru 2010 fil-kaz Il-Pulizija vs Ghassan Ahmed Kasseb, xehed li: *"Mrs Shires kienet giet ma Mr Kasseb biex tlaqqani mieghu, tghamilli introduzzjoni biex forsi insellfuh rigwardanti li kien ha jimporta tissues u ovvjament tlabtha certi dokumenti biex nibdewhom bhala proposta biex intellghuha l-head office."* (fol. 38). Ix-xhud qatt ma semma li l-kontendenti jew xi hadd minnhom qalulu li n-negozju kien taghhom it-tnejn. Il-qorti tqies li kieku n-negozju kien tal-kontendenti, kienu ser jinfurmaw lix-xhud. Ix-xhud spjega wkoll li min-naha tal-konvenut qatt ma saret proposta formali. Il-konvenut xehed li kienet l-attrici li qaltlu biex jaghmlu n-negozju flimkien u ddecidew x'kellu jkun il-generu tan-negozju. Jekk din hi l-verita', m'hijiex riflessa f'dak li qal ix-xhud Dalli. Hu evidenti li l-attrici kienet taf lil dan l-ufficjal tal-bank u r-raguni tghidlek li kieku kienet shab fin-negozju mal-konvenut, kienet ser tghidlu biex b'hekk jghinha peress li kienet tafu. Jekk l-attrici kienet ser taghmel negozju mal-konvenut ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn ma ssemmix tali fatt ma' Emanuel Dalli. Dan apparti li jekk kienet shab fin-negozju s-self setghet haditu f'isimha u mhux ressqet lill-konvenut biex jiehu s-self. Il-mod kif saru

l-affarijiet jikkonvincu lill-qorti li t-talba saret f'isem il-konvenut ghaliex in-negozju kien tieghu. Meta mbaghad raw li l-bank m'huwiex ser jaghti l-finanzjament, l-attrici sellfitu l-flus.

ii. Jirrizulta wkoll li l-attrici kienet introduciet lill-konvenut ma' certu Noel Muscat, accountant li kien ilu jaghti servizz professjonali lill-attrici min-nofs is-snin tmenin. Kienet qaltlu li kienet taf xi hadd li ried jibda negozju u fil-fatt kien iltaqa' mal-konvenut fil-hanut tal-attrici (foll. 51). Ix-xhud spjega: *"U tkellimna u gie deciz li dana, igib xi affarijiet tat-tissues u affarijiet hekk, kien hemm problema kif ha jsir il-finanzjar ta' din il-bicca xoghol u jien issuggerejt li jsir xi haga mal-bank. Peress li beda ghaddej iz-zmien imbaghad is-Sinjura Shires kellha tohrog il-flus hi sakemm isiru xi arrangamenti mal-bank"* (fol. 51). Ix-xhud xehed ukoll quddiem din il-qorti fejn qal:

- Li kien akkumpanja lill-konvenut l-HSBC, prezumibilment in konnessjoni mal-facilita' finanzjarja li l-konvenut ried biex jibda n-negozju;
- *"Mistoqsi mill-Qorti jekk il-konvenut kien ser jaghmel dan in-negozju jew shab ma' haddiehor nghid li sa fejn naf jien negozju tieghu, ma kellux shab"* (fol. 69);
- *"Mistoqsi mill-Qorti jekk xi hadd minnhom qattx qalli li din shab fin-negozju tal-karti, nghid li le hadd qatt ma semmieli haga bhal din. Mr Kasseb kien semma li qed tghinu finanzjarjament Mrs Shires. Imma qatt ma semmieli li se jkunu shab fin-negozju"* (fol. 70). Ix-xhud spjega wkoll li: *"Meta saru xi diskussjonijiet qabel ma sar in-negozju, il-partecipazzjoni minn Mrs Shires kien ta' persuna li qieghda tghin."* (fol. 71).

iii. Wiehed mic-cekkijiet hu ghas-somma ta' Ewro2,597.61 mahrug fl-20 ta' Novembru 2009 favur Anthony Schembri, li xehed fil-proceduri kriminali (seduta tat-13 ta' Settembru 2011) u qal: *"Jien kelli niehu dan l-ammont ta' flus minghand Kasseb qieghed hawnhekk prezenti u mieghu gab lil Mari Shires u geghlha tghamillu c-cheque biex huwa jkun jista' jhallas lilha. Safrattant hija ghamlitlu c-cheque u jiena imbaghad gejt hieles minn*

*mieghu li d-dejn li kellu jtini hallsitulu hi bl-istess cheque."* (fol. 60).

iv. Il-konvenut ressaq bhala xhud lil Lora Bugeja (seduta tal-15 ta' Marzu 2012) li kienet shab mal-konvenut f'negozju tal-irham. Ix-xhud qalet li bejn Ottubru u Novembru 2008 il-konvenut kien qalilha li hu u l-attrici kienu ser jifthu negozju flimkien. Il-qorti ma tistax tistrieh fuq din ix-xhieda meqjus li:-

(a) Hi stess qalet li mal-attrici qatt ma ddiskutiet xejn dwar in-negozju tat-tissues;
(b) 'Il fatt li l-konvenut seta' qal lix-xhud li l-kontendenti kienu ser jaghmlu negozju flimkien, ma jfissirx li dik hi l-verita.
(c) Ix-xhud qalet li darbtejn gabret flus tan-negozju, ghaliex il-konvenut kien imsiefer. Qalet ukoll li l-flus ma tathomx lill-attrici. Ma offriet l-ebda spjegazzjoni ghalfejn ghamlet hekk. Jekk in-negozju kien tal-kontendenti r-raguni tghidlek li l-flus kellhom jinghataw lill-attrici fl-assenza tal-konvenut.
(d) Id-deposizzjoni tax-xhud trid tigi kkunsidrata wkoll fl-ottika li l-konvenut ighix fl-istess dar maghha, kif ukoll tal-komportament taghha fuq il-pedana. Xhud li ghall-qorti kien evidenti li qeghda thossha skomda tixhed dwar il-kaz attenta li ma tghidx xi haga li tista' tippregudika l-verzjoni tal-konvenut.

Il-qorti tistqarr ukoll li tara stramba kif din ix-xhud qalet li darba zelqet u wegghet xuftejha mal-ponta ta' mejda, u cemplet lill-attrici. Dan meta qalet li ghandha zewg itfal ta' 27 u 31 sena. Ir-raguni tghidlek li jekk iccempel ghall-ghajnuna kienet ser iccempel lil zewgha, lil wiehed minn uliedha jew lill-konvenut li kienet shab mieghu, u mhux lill-attrici li ma kellix kunfidenza maghha. Il-qorti temmen li x-xhud qalet hekk biex ma tatix il-verzjoni korretta, li kienet titfa' dawl xejn sabih fuq il-konvenut.

v. L-attrici cahdet li kienet shab fin-negozju mal-konvenut. Il-qorti temmen li bejn il-kontendenti kien hemm iktar minn semplici hbiberija. Il-konvenut stess xehed: *"Kont immur ghandha u anke irqadt ghand Mrs Shires, fil-*

*weekend”* (fol. 82). F’dan ix-xenarju l-qorti ma tarax li m’hijiex verosimili l-verzjoni tal-attrici li tat ghajnuna finanzjarja lill-konvenut sabiex ikun jista’ jibda negozju.

vi. Fuq il-kaxxa tat-tissues jinghad: *“Imported by Ghassan Kassab”* u hemm in-numri tat-telefon tieghu (ara deposizzjoni ta’ Lora Bugeja, fol. 75). Isem l-attrici ma jidher imkien u lanqas numru tat-telefon taghha. Ghalkemm il-konvenut u Lora Bugeja qalu li bilfors isem il-konvenut kellu jidher fuq il-kaxxa peress li hekk isir fis-Sirja, il-qorti ma temminx gialadarba l-prodott kellu jinbiegh f’Malta u mhux is-Sirja. Inoltre, jekk il-kontendenti kienu shab il-qorti tistenna li kien ikun hemm numru tat-telefon tal-attrici. Ghalkemm il-konvenut qal li jissemmew id-dettalji huma tieghu biss peress li hu kellu jqassam ix-xoghol, ir-ragun tghidlek li jekk kienu shab kien fl-interess tal-attrici li d-dettalji taghha jkunu wkoll stampati biex tirciviha ordnijiet hi wkoll. Fix-xenarju li ddeskriva l-konvenut kien ikun fl-interess tal-attrici li tiehu ordnijiet sabiex kemm jista’ jkun tirkupra mill-allegat investiment li ghamlet.

vii. Fit-twegiba guramentata l-konvenut kien skorrett meta ddikjara li l-flus li jissemmew fir-rikors guramentat kienu *“[…] l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti f’socjeta (partnership) …..”* (fol. 14). Irrizulta kif per ezempju c-cekk li nghata lil Anthony Schembri u li jissemma fir-rikors guramentat kien jirrelata ghal dejn tal-konvenut li ma kellu x’jaqsam xejn man-negozju tat-tissues. Hekk ukoll meta xehed, il-konvenut ma qalx ghal x’hiex intuzaw ic-cekkijiet li nghata fis-16 ta’ Jannar 2009 (€2,330) u 21 ta’ Jannar 2009 (€3,000) u x’kellu x’jaqsmu man-negozju.

Meqjusa dak li nghad hawn fuq il-qorti hi tal-fehma li l-verzjoni li tat l-attrici hi aktar kredibbli u l-flus li qeghda tipprova tirkupra nghataw b’self u mhux sehemha f’negozju (partnership) mal-konvenut. Shubija li l-qorti tikkonkludi li qatt ma ezista. Konsiderazzjonijiet li ma jistghux jigu meghluba minhabba fatti ohra li semma l-konvenut, bhal per ezempju:-

i. Bint l-attrici deheret fuq reklami tal-prodotti u r-ritratti ttiehdu fid-dar tal-attrici;
ii. L-attrici takkumpanjah ghand l-accountant u tat suggerimenti dwar in-negozju;
iii. Il-merkanzija kienet tinzamm fil-garaxx li l-attrici ghandha mad-dar;
iv. L-attrici kienet wahda mill-isponsors li offriet oggetti li setghu jintrebhu mill-klijenti.

Kif diga' osservat mill-provi rrizulta li f'dak iz-zmien il-kontendenti kienu vicin hafna ta' xulxin. Tant hu hekk li jidher li kienu jqattghu mhux ftit hin ma' xulxin u skond ma qal il-konvenut, kien hemm okkazzjonijiet meta raqad id-dar tal-attrici.

Il-konvenut jargumenta li l-attrici, mara *"[…] ta' 34 sena esperjenza"* fin-negozju, ma kenitx ser issellef flus lill-konvenut ladarba kienet taf li ma kellux il-mezzi. Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament meta tqies li dan ma kienx kaz ta' tnejn min-nies iridu jaghmlu negozju flimkien. Il-**'hbiberija'** li nibtet bejn il-kontendenti tikkonvinci lill-qorti li l-attrici ghamlet dak kollu possibbli sabiex tghin lill-konvenut. Jirrizulta li l-ewwel flus li ghaddietlu kien cekk ta' €2,330 datat 16 ta' Jannar 2009, qabel tatu l-flus relatati man-negozju.

Bil-mod li rraguna l-konvenut:-

a. mela ma messha qatt ma sellfitu flus li ma kellhom xejn x'jaqsmu man-negozju tal-karti; u
b. kieku ghall-grazzja tal-agurment biss il-verzjoni li ta kienet il-verita, mela l-attrici ma kenitx ser tidhol f'negozju mieghu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut qal: *"X'sens jaghmel ghal persuna illi ma kelliex flus illi tissellef ?"*. Bl-istess ragunament qatt ma kellu jmur il-bank u jitlob self[1].

Il-konvenut jargumenta li bint l-attrici kienet taf ukoll li d-dar ta' ommha ntuzat biex saru reklami. Dan 'il fatt ma

[1] Il-konvenut qal li l-bank mar mal-attrici sabiex jiehdu self.

jipprova xejn. Hu minnu li fir-reklamar tidher bint l-attrici. Madankollu jibqa' 'l fatt li kienet midhla tal-konvenut gialadarba kien habib ta' ommha.

Ghal dak li jikkoncerna r-rikovenzjoni l-qorti tosserva:-

1. L-eccezzjoni tal-kompetenza *ratione valoris* hi minghajr bazi. Jekk il-konvenut qieghed jippretendi hlas minghand l-attrici kellu kull dritt li jaghmel it-talba f'dawn il-proceduri, minkejja li l-hlas li qieghed jintalab hu ta' kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Wiehed irid jiftakar li rikonvenzjoni ssir ukoll sabiex il-konvenut *"[….] jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha."* (Artikolu 396(b) tal-Kap. 12). L-effett ta' kontro-talba hu li jsir process wiehed u z-zewg talbiet jigu decizi fl-istess kawza. Ghalhekk l-ammont ta' hlas li qieghed jitlob il-konvenut m'ghandux ikun ta' ostakolu. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 744 tal-Kap. 12 minn fejn hu evidenti kemm din l-eccezzjoni m'ghandix bazi.

2. Fil-meritu l-konvenut ma ressaq l-ebda prova li l-hlas li qieghed jippretendi hu dovut mill-attrici. Hekk per ezempju fir-rigward tal-frame tal-irham li qieghed jippretendi l-hlas tieghu, bint l-attrici xehedet li dan inghata lilha mill-konvenut. Il-konvenut qal li hallsu mis-somma ta' €17,000 li tatu l-attrici. Fir-rigward tal-vazun tal-mozajk bint l-attrici kkonfermat li dan inghata lilha b'rigal[2]. Il-konvenut ma pprezentax kont li suppost hareg meta sar l-allegat bejgh. Dwar il-hwejjeg il-qorti tqies li hu verosimili dak li qalet l-attrici li: *"Kellu boutique Hal Qormi. Kien qieghed fil-post ta' Anton Schembri bil-kera. Dan ma hallsux il-kera u keccieh 'il barra s-sid. Kien gabli basket mimli hwejjeg, qalli ara x'joghgbok minn dan u hudhom"*

[2] *"Ghat-tieg kien tani vazun bil-patterns tal-muzajk qisu. Kien qalli li wara t-tieg kien ser jaghtini rigal iehor. Se jaghmilli bicca xoghol li juri lili u lir-ragel fiz-zmien it-tieg bl-istess tip ta' materjal. Talabni ritratt tat-tieg u qalli li ser jahdimieli barra minn Malta. Dan kellu jkun ta' daqs ta' metru b'metru u nofs. Meta wasal id-daqs tal-oggett kien hafna ikbar hames piedi bi tlett piedi u tmien pulzieri. Dan kien xi xahrejn jew tlett xhur wara li izzewwigt. Il-frame ittiehed ghand il-mama fis-salott u imbaghad hadnieh id-dar ghandi"* (seduta tat-12 ta' April 2013).

(fol. 29). Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha meqjus li r-relazzjoni tant tajba li kien hemm bejn il-partijiet u l-attrici kienet tistma lill-konvenut daqs persuna tad-dar.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**
**2. Tilqa’ t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf sitt mija u seba’ u sittin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€27,667.51), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat**.
**3. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-attrici fir-rigward tar-rikovenzjoni bl-ispejjez kontra taghha.**
**4. Tilqa’ l-eccezzjoni fil-meritu tal-attrici u tichad ir-rikovenzjoni tal-konvenut.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq l-ispejjez huma a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------